

# Ir-Restawr tal-pittura fil-Knisja Parrokkjali

jikteb Franco Pellegrini
Segretarju, Kummissjoni Restawr

Wieħed mill-programmi tas-sensiela Xjenzarti (li tixxandar kull nhar ta' Tlieta fuq TVM2) kien dedikat għar-restawr tal-pittura ta' Giuseppe Cali` li sar fil-Knisja Parrokkjali tagħna u preċiżament fuq l-intervent li sar fuq il-pittura tas-saqaf tal-korsija kif ukoll fuq il-pittura ta' fuq il-bieb prinċipali. F'dan il-programm stajna naraw mill-qrib il-ħsarat li kien hemm. Meta wieħed kien iħares minn isfel kien jagħraf li hemm xi ħsarat imma meta titla fuq l-armar viċin tal-pittura tinduna kemm il-ħsarat ikunu estensivi u kemm ikun hemm ħtieġa ta' konservazzjoni u restawr. Il-poplu ta' Ħal Lija kellu fil-fatt l-okkażjoni li jitla jara l-pittura mill-viċin imma biss meta kien tlesta x-xogħol kollu u għalhekk raw il-pittura bla ħsara. Il-filmati li rajna fuq it-televiżjoni urewna kemm kien jinħtieġ xogħol ta' paċenzja u ta' delikatezza biex tiġi salvata l-opra oriġinali ta' Cali` u biex terġa tingħata dik id-dehra friska u sabiħa ta' meta kienet għada kemm saret. Wieħed seta' japprezza kemm kienet għaqlija d-deċiżjoni li jinbeda u jitkompla l-proġett tar-restawr għaliex kieku ma sarx hekk fi żmien qasir kien ikun tard wisq biex insalvaw il-pittura.



Issa jinħtieġ li inkomplu fejn ħallejna u jibda jsir ir-restawr u l-konservazzjoni tal-pittura tal-Kor. Bi tħejjija għal dan Aaron Cuschieri, s-sagristan, u voluntiera oħra bnew struttura temporanja wara l-knisja biex ikun hemm aċċess komdu li minn barra jagħti għal fuq il-bejt tal-knisja u minn hemm wieħed ikun jista jidħol fejn għandu jsir ix-xogħol. Tlesta wkoll l-armar ta' pjattaforma fil-kor li

fuqha ntrama l-iscaffolding biex ix-xogħol isir bil-kumdita` meħtieġa. B'dan il-mod jiġi evitat ħafna skariġ u dħul u ħruġ minn ġol-knisja.

Ir-restawratur Pierre Bugeja tal-kumpannija Prevarti b'hekk seta' jitla jara l-pittura mill-viċin biex jidħol fid-dettal tal-interventi li jridu jsiru. Wara din l-ispezzjoni hu ħejja rapport fuq li ra u indika l-ispiża involuta biex il-parroċċa tkun tista tevalwa s-sitwazzjoni. Il-ħsarat li hemm fil-pittura tal-kor huma simili għal dawk li nstabu sew fil-koppla kemm fil-korsija u huma dovuti prinċipalment minnħabba l-umdita` kawżata mill-ilmijiet tax-xita. Fil-fatt bħalma tafu l-ewwel ħidma li saret fil-proġett tar-restawr kien li jsir waterproofing adegwat biex il-problema tiġi solvuta u ma tirrepetix ruħha.

Kif kien qed jara l-pittura ta' Cali`, ir-restawratur ġie mitlub jeżamina ukoll il-pittura ta' Carlo Ignazio Cortis li qegħda fl-arzella (apside) fil-kor. Din maħduma differenti mill-pittura ta' Cali` għaliex hi affresk u mhux impittra direttament fuq il-ġebla. Fil-fatt anki din il-pittura jinħtieġilha intervent serju biex tiġi konservata. Għalhekk intalbet stima għal dan ix-xogħol wkoll.



Issa jmiss li jsir rikors il-Kurja biex dawn ix-xogħlijiet jiġu approvati. Nittamaw li fi żmien qasir tingħata risposta u jkun jista jitkompla x-xogħol. Għaldaqstant il-Kappillan ressaq dan ir-rikors meħtieġ quddiem il-Kurja.

Sadanittant kif kien meħtieġ u xieraq ma twaqqafx il-ġbir ta' fondi għal dan il-għan. Il-poplu ta' Ħal Lija bħal dejjem ma naqasx fil-ġenerożita` tiegħu u għalhekk moħħna mistrieħ li l-ispiża involuta fil-fażi li jmiss tkun tista titħallas mingħajr ma nitfgħu piż finanzjarju fuq il-parroċċa.

Nitolbu bħal dejjem il-barka ta' Ġesu` Salvatur fuq din il-ħidma tagħna.

***Il-festa t-tajba lil kulħadd.***